**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 4 ta' Mejju, 2016

Rikors numru : 159/2016 AL

AB

Vs

CD

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremetta :

1. Illi r-rikorrenti u l-intimata zzewgu fis-sitta (6) ta' Gunju tas-sena elfejn (2000) u dan kif jidher mic-Certifikat taz-Zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok. JM1;
2. Illi minn dan iz-zwieg, fit-tmintax (18) ta' Jannar tas-sena elfejn u tlieta (2003), twieldet tifla ossia S, li llum ghandha l-eta ta' tlettax (13)-il sena, kif jidher mic-certifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat bhala Dok. JM2;
3. Illi l-hajja konjugali bejn ir-rikorrenti u l-intimata ma baqghetx aktar possibli minhabba ragunijiet fil-Ligi li jaghtu lok ghal

separazzjoni personali bejniethom u konsegwentement r-rikorrenti u l-intimata resqu ghal separazzjoni personali permezz ta' kuntratt datat sbatax (17) ta' Marzu tas-sena elfejn u sittax (2016) fl-atti tan-Nutar Dottor James Grech, kopja ta' liema qed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dok. 'JM3';

4. Illi nonostante illi r-rikorrenti u l-intimata ilhom legalment separati mis-sbatax (17) ta' Marzu tas-sena elfejn u sittax (2016), ir-rikorrenti u l-intimata ilhom de facto separati ghal iktar minn sitt (6) snin u konsegwentement ilhom ma jghixu flimkien ghal iktar minn erba` (4) snin matul il-hames (5) snin minnufih precedenti;
5. Illi r-rikorrenti u l-intimata ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u konsegwentement ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom;
6. Illi skont il-kuntratt surreferit ir-rikorrenti u l-intimata iddekadew reciprokament mid-dritt li jitolbu u/jew jircievu manteniment minghand xulxin u dan minhabba ragunijiet validi u ammissibbli fil-ligi, filwaqt li ai termini tal-klawsola bin-numru erbgha (4) ittra 'p' tal-kuntratt surreferit ir-rikorrenti obbliga ruhu li jhallas lill-intimata manteniment ghall-minuri fis-somma ta' hames mitt Ewro (€500) fix-xahar liema manteniment jibqa` jithallas sakemm il-minuri taghlaq l-eta` ta' sittax (16) –il sena, filwaqt li hekk kif il-minuri taghlaq l-eta` ta' sittax (16) –il sena ir-rikorrenti obbliga ruhu li jhallas lill-intimata manteniment ghall-minuri fis-somma ta' erba` mitt Ewro (€400) fix-xahar, liema manteniment jibqa` jithallas sakemm il-minuri taghlaq l-eta ta' tmintax (18) –il sena jew f'dik id-data li l-minuri tibda tahdem fuq bazi full-time skont liema data tigi l-ewwel, b'dana li jekk il-minuri tibqa` tistudja full-time wara li taghlaq tmintax (18) –il sena, l-istess manteniment hawn miftiehem, ossia manteniment fis-somma ta' erba` mitt ewro (€400) fix-xahar ghandu jibqa` jithallas lill-intimata, u f'kull kaz sa mhux aktar tard minn meta l-minuri taghlaq l-eta` ta' tlieta u ghoxrin (23) sena;
7. Illi r-rikorrenti kien u ghadu jhallas il-manteniment dovut regolarment kif kontemplat fil-klawsola bin-numru erbgha (4) ittra 'p' tal-kuntratt ta' separazzjoni surreferit u konsegwentement ma hemmx pendenzi u/jew kwistjonijiet ta' manteniment;

8. Illi l-fatti hawn fuq esposti jissodisfaw il-kondizzjonijiet kollha mehtiega ghal ksib tad-divorzju ai termini tal-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tordna l-hall taz-zwieg bejn ir-rikorrenti u l-intimata;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar- Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Salv kull provvediment iehor li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna;

Rat ir-risposta tal-intimata, li permezz taghha ikkonfermat :

Illi l-partijiet huma legalment separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni datat sbatax ta' Marzu tas-sena elfejn u sittax (17/03/2016), in atti Nutar Dottor James Grech, ghalkemm jinghad illi l-partijiet ilhom de facto separati ghal aktar minn sitt (6) snin;

Illi skont l-istess kuntratt ta' separazzjoni tal-partijiet, il-kundizzjonijiet elenkati ghall-hlas ta' manteniment qeghdin jigu rispettati u f'dan l-istadju m'hemm arretrati u ghaldaqstant l-esponenti ma topponix ghax-xoljiment taz-zwieg tal-kontendenti;

Illi l-esponenti taqbel illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u l-partijiet ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

Illi hija m'ghandhiex oggezzjoni illi dan iz-zwieg taghha mar-rikorrenti jigi xolt;

Illi pero jinghad illi l-esponenti ma kellha l-ebda interess illi tottjeni dan id-divorzju u m'hijiex lesta illi thallas ghall-ispejjez tieghu;

Ghaldaqstant toggezzjona ghall-hlas tal-ispejjez abbinati ma din il-kawza;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-1 ta' April, 2016;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-17 ta' Marzu 2016 u ilhom de facto separati ghal aktar minn sitt snin;

Illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.